Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tal-409 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 23 ta' Jannar, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

**Item 1 – Attendenza u Apoloġiji**

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sinjuri Joseph Bonnici, Robert Buhagiar, Keith Pisani, Joseph Buttigieg u Anna Calleja.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.50 ta' filgħaxija u s-Sur Kevin Plumpton daħal għal-laqgħa fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tal-408 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

**Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti**

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Perit tal-Kunsill kienx mar fi Triq l-Iskola u fi Triq Tumas Dingli sabiex issir il-*flower bed* fuq il-bankina mal-ħajt tal-iskola biex b'hekk ma jibqax jintrema skart fuq il-bankina. Is-Segretarju qal li l-Perit kien ser iħejji l-applikazzjoni biex issir din il-bankina.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi nformazzjoni ġdida mil-GAL dwar Triq Ħas-Sajjied. Is-Segretarju infurmah li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza li ser tinqara iktar il-quddiem fil-laqgħa.

Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk kienetx saret il-laqgħa mal-Perita ta' Transport Malta dwar il-junction li saret fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa ma Triq tal-Labour.

Is-Sindku informa l-Kunsill li kien iltaqa' mal-Perita Charlene Bonnici minn Transport Malta u din infurmatu li kienet ser tiġi irranġata l-bankina kif ukoll kienet ser tiżdied kurduna fit-tarf tal-bankina biex il-vetturi ma jagħmlux *U Turn*.

**Item 4 - Minuti tas-Sotto Kumitat**

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

**Item 5 – Korrispondenza**

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Caruana, uffiċjal fil-Ministeru għal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent lis-Sur Silvio Schembri, Manager tal-GAL Xlokk, dwar żviluppi ġodda fl-applikazzjoni tal-Kunsill biex tiġi rranġata' Triq Ħas-Sajjied.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel sabiex jistaqsi dwar l-attivitajiet ta' Jum Ħaż-Żabbar kif ukoll tal-Karnival u l-attivita ta' Ħadd in-Nies. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sindku l-Kunsill qabel unanimament li jitlob is-servizz tal-Banda fil-Karnival li ser issir f'Ħaż-Żabbar għal-ħlas ta' €580 kif ukoll li jtella flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kunċert fl-okkażjoni ta' Ħadd in-Nies liema spiża tammonta għal €580.

Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li l-attivita tal-Karnival din is-sena ser issir fil-pjazza ta' Misrah is-Sliem.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Stephen Magri fejn talab il-Kunsill iħallas kumpens ta' €65.00 minħabba ħsara li allegament saret fit-tyre tal-karozza fi Triq iċ-Ċawsli, f'Ħaż-Żabbar.

Inqrat ukoll ittra mibgħuta mis-Sur Daniel Cordina fejn talab il-Kunsill iħallas kumpens ta'€80.96 minħabba ħsara li allegament saret fit-tyre tal-karozza fi Triq iċ-Ċawsli, f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Cordina ma ppreżentax rapport tal-Pulizija mal-ittra tiegħu u qal li ma kienx jaf illi kellu jagħmel hekk f'inċident ta' din ix-xorta.

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel b'ħames voti favur u żewġ voti kontra li ma jingħatax kumpens liż-żewġ sewwieqa peress illi l-allegat inċident sar f'ħofor li żviluppaw fi trinka li kienet saret minn xi entita u mhux mill-Kunsill. Barra minn hekk ma kienx hemm biżżejjed provi li l-ħsara saret fi Triq iċ-Ċawsli u ma sarux rapporti tal-Pulizija fil-ġurnata tal-inċident. Il-membri li vvutaw favur il-mozzjoni kienu s-Sindku, l-Viċi Sindku, s-Sur Buttigieg, is-Sur Bonnici u s-Sinjura Calleja filwaqt li s-Sur Buhagiar u s-Sur Pisani ivvutaw kontra l-mozzjoni.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Kevin Plumpton naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (27 ta' Ġunju 2012 sat-26 ta' Diċembru 2012). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Plumpton kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob lill-Ministru biex il-post ta-Sur Plumpton ma jiġiex dikjarat vakanti.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Keith Pisani naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (27 ta' Ġunju 2012 sat-26 ta' Diċembru 2012). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Pisani kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob lill-Ministru biex il-post tas-Sur Pisani m'għandux jiġi dikjarat vakanti.

Fis-6.50 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill għax-Xelter ta' Misraħ is-Sliem ser tiġi diskussa fil-laqgħa li ser issir fil-15 ta' Frar 2013.

Is-Sinjura Calleja infurmat il-Kunsill illi c-*Chinese Cultural Centre* kienet qed tistieden lill-Kunsill għal attivita *Grand Art Performance* li ser issir fit-3 ta' Frar 2013 fl-Universita' ta' Malta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ray Abela Direttur tal-kumpanija *TCTC* dwar il-korsijiet tal-kompjuter li ser isiru f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Abela talab sabiex l-applikazzjonijiet jiġu aċċettati mill-impjegati tal-Kunsill kif ukoll li jiġu aċċettati wkoll applikazzjonijiet minn residenti tal-Fgura, Xgħajra u l-Kottonera.

Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li ż-Żabbarin għandhom jingħataw preferenza fil-korsijiet tal-kompjuters.

Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li l-kumpanija *TCTC* għandha tibgħat impjegati fil-bini tal-Kunsill sabiex jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal-korsijiet tal-kompjuters.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur kevin Plumpton daħal għall-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2013 fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-allokazzjoni finanzjarja għall-ewwel erba' xhur tas-sena 2013 ser tkun ta' €252,964. Din il-figura tinkludi l-ammont ta' madwar madwar €22,247 li mistenni jingħata lill-Kumitat Amministrattiv St Peter's matul l-ewwel erba' xhur tas-sena 2013.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur u s-Sinjura Pisani li talbu sabiex jitwaħħlu *crash barriers* minflok it-tlett *bollards* li hemm bħalissa fil-kantuniera quddiem ir-residenza 198, Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar u l-ħanut *Tony's Photo Studio* kantuniera ma Triq il-Kunvent.

Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, l-Kunsill qabel unanimament li jitlob parir minn Transport Malta dwar din it-talba.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni ta' flus fil-Kunsill Lokali. Il-ħlas għal din il-polza tal-assigurazzjoni hu ta' €63. Is-Sur Pisani ppropona li l-Kunsill iġedded il-polza tal-assigurazzjoni u l-Viċi Sindku issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan it-tiġdid.

Inqrat korrispondenza mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar ix-xogħol għal servizzi tal-mains tal-ilma waqt li jkun qed isir ix-xogħol ta' manutenzjoni fil-bankini fi Triq tal-Plier. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja il-

Kunsill qabel unanimament li jħallas l-ispejjeż biex jinbidlu s-servizzi tal-ilma biex ikunu jistgħu jinbidlu l-bankini wkoll.

Inqrat korrispondenza dwar applikazzjoni sabiex isir tibdil fl-allenjament tat-triq fi Triq il-Pellegrinagg tar-Roti.

Is-Sur Grech informa l-Kunsill li kien bgħat email dwar art mitluqa li hemm Triq ir-Riħan. Is-Sur Grech talab sabiex il-MEPA tnaddaf l-għalqa u l-Kunsill jtella ċint madwar din l-art peress li kien qed jintefa ħafna skart. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekonda mis-Sindku l-Kunsill qabel unanimament li jittella' ħajt mal-boundary wall wara li l-MEPA tnaddaf l-għalqa.

**Item 6 – Xogħol tal-Kunsill**

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali pubblika issir fl-4 ta' Frar 2013.

Is-Segretarju talab lill-Kunsill jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni mal-MEPA għal-proġett tal-Park f'Buleben iz-Zgħir peress illi l-Kunsill kien qed jintalab minn din l-Awtorita iħallas €12, 000 għal-kontribuzzjonijiet biex tiġi proċessata l-applikazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill ma jħallasx dan l-ammont ta' flus u li din l-applikazzjoni ma tiġix ipproċessata għalissa.

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' art biex tiġi amministrata proprjeta pubblika li hemm f'Buleben iż-Żgħir f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku il-Kunsill qabel unanimament li għalissa ma jitlobx formalment id-devoluzjoni ta' din l-art lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-26 ta' Diċembru, 2012 u t-23 ta' Jannar, 2013 li kien jammonta għal €58,989.27. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Diċembru 2012 li kien jammonta għal €92.75. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, l-Kunsill approva unanimament li *fax*, kompjuters u *printers* antiki jiġu *written off* mill-*Fixed Assets Register*.
Inqraw il-minuti tat-34 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku dawn il-minuti ġew unanimament approvati.

Approvazzjoni tal-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-Sena Finanzjarja 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Abbozz ta' l-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2013. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Ingaġġ ta' Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv (Skala 11) u Skrivan/a (Skala 15)

Is-Segretarju informa l-Kunsill li kienet saret il-laqgħa mad-Direttur dwar il-ħatra tal-Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv. Is-Segretarju informa l-Kunsill illi minkejja li kien informa lid-Dipartiment li membru tal-Bord kien indispost, id-Direttur tad-Dipartiment talab li issir laqgħa mas-Sindku u mas-Segretarju.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud, mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn informa l-Kunsill li wara l-laqgħa flimkien mas-Segretarju u mas-Sindku u wara li sar il-preżentazzjoni tal-*minority report* minn membru tal-Bord dwar il-ħatra tal-Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv il-Kunsill seta' jipproċedi bl-ingaġġ ta' Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv.

Is-Segretarju reġa ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mil-Bord tal-Intervisti għar-reklutaġġ tal-Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sur Charlot Ebejer hu l-aktar kandidat addattat għal din il-kariga.

Is-Sur Buhagiar qal li huwa mhux fuq il-kandidat ma kienx qed jaqbel iżda fuq il-proċess tal-għażla.

Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel b'sitt voti favur li jiġi mpjegat is-Sur Charlot Ebejer mal-Kunsill bħala Assistent Amministrattiv Prinċipali (Skala 11) għal perjodu definit ta' tlett snin. Wara t-tlett snin il-Kunsill jiddeċiedi jekk iġġeddidx l-impjieg ta' l-impjegat għal perjodu indefinit. Il-Kunsilliera li ivvutaw favur il-mozzjoni kienu is-Sindku, il-Viċi-Sindku, is-Sur Buttigieg, is-Sur Plumpton, is-Sinjura Calleja u s-Sur Bonnici, filwaqt illi s-Sur Buhagiar, is-Sur Grech u s-Sur Pisani ivvutaw kontra din il-mozzjoni.

Is-Sur Pisani spjega li huwa mhuwiex kontra l-ġudizzju dwar il-kandidati, is-Sur Pisani qal li mhux jikkontesta l-persuna jew il-kwalita tal-persuna. Is-Sur Pisani qal illi ma ivvutax favur peress illi fl-opinjoni tiegħu min kellu kwalifiki ta' *degree* setgħa japplika għas-sejħa ta' Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv. Is-Sur Pisani ma jistax jifhem kif persuna b'*degree* tista tinħatar Segretarju Eżekutiv imma tistax tapplika biex tkun Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv. Is-Sur Pisani qal li hu tal-fehma li d-Dipartiment għal-Gvern Lokali għandu jemenda r-regolamenti dwar Riżorsi Umani.

Is-Sur Grech spjega li huwa ivvota kontra peress illi kien kontra li tinħareġ sejħa għal-Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv . Is-Sur Grech qal ukoll illi peress li wieħed mill-bord tal-għażla qanqal dubju dwar il-proċess tal-għażla għalhekk ma setgħax jiddeċiedi favur il-proċess. Is-Sur Grech qal illi f'deċiżjonijiet minuri d-deċiżjoni tal-Kunsill ġieli damet biex tiġi implimentata u għalhekk deċiżjoni dwar ħatra ta' Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv ma kellix tittieħed.

Fit-7.50 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat għal ftit minuti.

Is-Sur Bonnici qal illi huwa ivvota favur il-ħatra ta' Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv peress illi għandu fiduċja fil-Bord tal-Għażla kif ukoll minħabba li l-Kunsill irċieva interpretazzjoni ċara mid-Direttur għad-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar il-kwalifiċi li jrid ikollhom l-applikanti.

Is-Sur Buttigieg qal illi la l-Kunsill kien iddeċieda li jgħamel l-intervisti allura l-ħatra ta' Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv kellha tiġi onorata.

Is-Sinjura Calleja qalet li ivvotat favur dwar id-deċiżjoni peress illi s-Sinjura Calleja kellha fiduċja fil-bord u l-proċess li mexa bih. Barra minn hekk għal aktar minn darba il-Kunsill kien irċieva linja gwida mid-Direttur għad-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar l-interpretazzjoni tar-regolamenti dwar Riżorsi Umani.

Is-Sur Plumpton qal li d-deċiżjoni dwar il-ħatra ta' Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv imissa ilha li ttieħdet. Is-Sur Plumpton ivvota favur il-ħatra peress illi kienet saret verifikazzjoni mal-liġi.

Il-Viċi Sindku qal illi kien qed jivvota favur il-ħatra tas-Sur Charlot Ebejer bħala Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv wara li kienet ingħatat risposta uffiċċjali mid-Direttur għad-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie awtorizzat jipproċedi bl-ingaġġ.

Is-Sindku qal li l-Kunsill b'mod unanimu kien qabel li joħroġ sejħa u ma jistax jifhem għaliex hemm kunsillier li qed jitkellem mod ieħor. Is-Sindku qal li l-Kunsill mexa skont struzzjonijiet li ngħata mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali u għalhekk m'għandux ikun hemm dubju dwar l-interpretazzjoni ta' regolamenti dwar Riżorsi Umani.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mil-Bord tal-Intervisti għar-reklutaġġ ta' Skrivan/a (Skala 15). Fl-opinjoni tal-Bord is-Sinjura Rosemarie Calleja hija l-aħjar persuna għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton, il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Bord li s-Sinjorina Rosemarie Calleja tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala Skirvana (Skala 15) għal perjodu definit ta' tlett snin. Wara t-tlett snin il-Kunsill jiddeċiedi jekk iġġeddidx l-impjieg ta' l-impjegat għal perjodu indefinit.

Fit-8.00 ta' filgħaxija s-Sur Plumpton talab li jkun skużat.

Affarijiet Oħra

Is-Sur Pisani irringrazzja l-Kunsillieri u l-istaff talli attendew il-funeral u taw il-kondoljanzi tagħhom għat-telfa ta' missieru.

Fit-8.15 ta' filgħaxija is-Sur Buhagiar daħal lura għal laqgħa.

Is-Sur Pisani qal li l-applikazzjoni għal proġett *Friends of the Earth* kienet ġiet aċċettata u ser jingħataw il-fondi lil din l-għaqda.

Is-Sur Buhagiar qal li kien irċieva lment minn resident li joqgħod fi Triq Dun Frans Buhagiar sabiex isiru sinjali ta' traffiku fl-istess triq.

Is-Sur Grech informa l-Kunsill li Triq Dun Frans Buhagiar kienet saret mill-Gvern Ċentrali u Transport Malta kienet ser tagħmel is-sinjali ta' traffiku f'din it-triq billi talbet l-assistenza ta' rappreżentanti mill-Kunsill biex isiru dawn is-sinjali.

Is-Sur Buhagiar qal li l-Kunsill intalab iħallas €100 lill-Kappillan għal kiri tas-sala tal-Kappillan għall-perjodu ta' tlett xhur sabiex ikunu jistaw isiru l-aerobics. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku l-Kunsill qabel unanimament li jħallas għal-kiri tas-sala.

Is-Sur Buhagiar informa l-Kunsill li fl-attivita *Eight Weeks Weight Loss Challenge* li saret għar-residenti Żabbarin kienu ipparteċipaw sittin ruħ. Matul din ic-*challenge* il-parteċipanti bejniethom tilfu 150kg u r-rebbieħa ingħatat premju. Is-Sur Buhagiar talab sabiex jitħallsu €100 għal-ispejjeż relatati ma' din l-attivita. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan il-ħlas.

Is-Sur Buhagiar qal illi jinsab infurmat li xi nies mhux awtorizzati qed jagħmlu użu mit-telefonija tal-Kunsill, għaldaqstant huwa qed jitlob li l-Kunsill joħrog lista dettaljata tat-telefonati li saru mill-ufficini tal-Kunsill matul is-sena 2012.

Is-Sur Grech talab sabiex isiru r-rampi għal-persuni bi bżonnijiet speċjali quddiem iz-*zebra crossing* fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Grech talab sabiex tinqala r-*road hump* li hemm fi Triq ix-Xgħajra peress illi l-Kunsill ilu li ħa d-deċiżjoni li tinqala. Is-Sur Grech talab sabiex tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur responsabbli mill-manutenzjoni tat-toroq kemm il-darba jirrifjuta li jibda x-xogħol.

Is-Sur Grech talab sabiex jitwaħħlu s-*slow signs* fi Triq Santa Duminka peress illi dawn kienu ġew approvati.

Is-Sur Grech talab ukoll sabiex l-*slow signs* li hemm fi Triq Felice jitressqu aktar fil-viċinanzi ta' Triq is-Santwarju minħabba sewqan eċċessiv li qed isir.

Is-Sur Grech informa l-Kunsill li kienu kellmuh residenti minn Triq iċ-Ċimiterju li wrew it-tħassib tagħhom għal fatt li jista jkun hemm xi problemi bl-ilma tax-xita wara li jitwaħħlu r-*road humps* fit-triq tagħhom. Is-Sur Grech issuġġerixxa li ma jitwaħħlux sleeping police fil-parti d-dejqa ta' Triq iċ-Ċimiterju.

Is-Sur Grech issuġġerixxa li jsiru *road humps* bejn Triq is-Saqwi u Triq Dun Frans Buhagiar.

Is-Sur Grech talab sabiex issir *road hump* bejn Triq Villabate u Triq Ħadd in-Nies quddiem *Patrick Ironmongery*. Is-Sur Grech talab li temporanjament issir *slow sign* sakemm titwaħħal r-*road hump*.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex jiġu irranġati trinek li hemm fi Triq Felice bejn Triq Santa Duminka u Triq Lia.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex terġa titwaħħal tabella ta' isem ta' Triq Lia fil-kantuniera ma Triq Santa Tereza peress illi din m'għadiex imwaħħla.

Is-Sinjura Calleja qalet li kienet ġiet avviċinata minn parteċipanta li kienet qed tieħu sehem fl-attivita tal-*weight loss challenge* u infurmata li waqt il-premjazzjoni kandidat li ħiereġ għal-elezzjoni lokali tħalla jwassal messaġġ politiku waqt din l-attiva.

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill illi waqt l-attivita tal-*weight loss challenge* ma twassal l-ebda messaġġ politiku. Il-kandidat tal-elezzjoni kien qiegħed hemm waqt l-attivita peress illi ppreżenta l-premju lir-rebbieħa tac-*challenge*.

Is-Sur Buttigieg qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi dwar ir-*road humps* li kellhom jitwaħħlu mill-Kunsill u li għadhom ma twaħħlux.

Il-Viċi Sindku qal li jeħtieġ issir *road hump* fi Triq il-Kapuċċini.

Il-Viċi Sindku talab sabiex isir *refresh* ta' *stop signs* u xi sinjali tal-marki tal-karreġġjata minn Triq il-Kbira sa Triq is-Santwarju u fi Triq Santa Marija.

Is-Sur Pace ta spjegazzjoni dettaljata tal-attivitajiet li ser isiru nhar il-Ħadd, 27 ta' Jannar 2013 u l-Ġimgħa, l-1 ta' Frar 2013 fl-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex terġa titwaħħal tabella li nqalgħet mil-konfini ta' Ħaż-Żabbar, fil-viċinanzi ta' Bieb is-Sultan.

Is-Sur Bonnici talab sabiex jiġi irranġat id-dawl fi Pjazza Misraħ tal-Madonna Medjatriċi madwar il-Monument tal-Gwerra.

Fit 8.55 ta' filgħaxija s-Sur Buttigieg talab li jkun skużat.

Is-Sur Grech talab sabiex jiġu irranġati t-tappieri li hemm fi Triq Santa Duminka.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Ezekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-410 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 20 ta’ Frar 2013.

Domenic Agius
Sindku